MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 1416/1998/1

**Sullivan Shipping Agencies Limited.**

**vs.**

**Joseph Ellul Sullivan.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 26 ta' Gunju 1998 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem il-Qorti kif attwalment presjeduta fejn gie premess:-

Illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' ghaxart elef u sitta u sebghin lira Maltin, u sbatax-il centezmu (Lm10,076.17) rapprezentanti t-total ta' diversi ammonti ta' flus moghtija *brevi manu* mis-socjeta' attrici lill-istess konvenut fil-perijodu minn Awissu 1992 sa Lulju

1996, kif jirrizulta mill-kopja ta' *Statement of Account* hawn ezebit bhala Dokument "A" kif ukoll kif ikun jirrizulta aktar dettaljatament fil-mori tal-kawza;

Illi *nonostante* interpellat sabiex ihallas dan l-ammont dovut minnu permezz ta' ittra interpellatorja kif ukoll ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 1997, il-konvenut baqa' inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Illi ghalhekk l-istess socjeta' attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghaxart elef u sitta u sebghin lira Maltin, u sbatax-il centezmu (Lm10,076.17) rapprezentanti t-total ta' diversi ammonti ta' flus moghtija *"brevi manu"* mis-socjeta' attrici lill-istess konvenut fil-perijodu minn Awissu 1992 sa Lulju 1996.

Bl-ispejjes, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 1997 tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data meta sar is-self sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokument esebit u mmarkat Dok. "A" a fol. 4 sa 6 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-4 ta' Frar 1999 minn din il-Qorti kif presjeduta fit-12 ta' Awissu 1998.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 30 ta' Novembru 1998 a fol 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-imghaxijiet *stante* li dak allegat mis-socjeta; attrici ma ghandu xejn mill-verita', u dan kif sejjer jirrizulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol 12 u 13 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tal-4 ta’ Frar 1999 a fol. 14 tal-process fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Peress li hi kkontestata, il-kawza giet differita ghat-22 ta’ Novembru 1999 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-22 ta’ Novembru 1999 (fol 15) fejn dehru Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta’ attrici u Dr. Joseph A. Schembri ghall-konvenut. Dr. Francesco Depasquale talab illi sa fejn possibbli jipprezenta l-provi tieghu bil-procedura ta’ l-affidavit. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghad-29 ta’ Marzu 2000; tad-29 ta’ Marzu 2000 fejn deher biss Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta’ attrici u talab estensjoni ta’ zmien sabiex jipproduci, sa fejn possibbli, l-provi tieghu bil-proceduta ta’ l-affidavit. Dr. Joseph A. Schembri issejjah tliet darbiet baqa’ ma deherx. Il-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghat-2 ta’ Gunju 2000.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Frank G. Camilleri tat-2 ta’ Gunju 2000 (fol 17) fejn il-kawza giet differita sabiex tinstema’ quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tas-7 ta’ Novembru 2000 a fol 18 tal-process fejn deher Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta’ attrici. Inghata digriet ta’ l-affidavits lis-socjeta’ attrici sabiex sa zmien erbghin (40) gurnata, mid-data ta’ l-istess seduta, tipprezenta l-affidavits taghha u tax-xhieda minnha ndikati, li jistghu isiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami. Dr. Francesco Depasquale ddikjara li bil-prezentata ta’ l-affidavits ma

kellux aktar provi. Il-kawza giet differita ghall-provi tal-konvenut ghas-27 ta’ Frar 2001.

Rat in-nota tas-socjeta attrici datata 23 ta’ Frar 2001 (fol 20) illi biha esebixxa l-affidavit ta’ **John E. Sullivan** ta’ l-istess data u dan bil-visto ta’ Dr. Joseph Schembri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tas-27 ta’ Frar 2001 a fol 24 tal-process fejn deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenut. Dr. Francesco Depasquale nforma lill-Qorti li jinsab indispost u talab differiment mhux oppost. Inghata digriet ta’ l-affidavits lill-konvenut sabiex sa zmien hamsin (50) gurnata jipprezenta l-affidavits tieghu u tax-xhieda minnu ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-konvenut ghas-17 ta’ Mejju 2001.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tas-17 ta’ Mejju 2001 a fol 26, fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr. Francesco Depasquale ddikjara li kien baqghalu xhud iehor b’affidavit u l-Qorti estendiet ghall-ahhar darba t-terminu ghall-prezentata ta’ l-istess bi tletin (30) jum minn dakinhar stess. B’dan ukoll Dr. Francesco Depasquale mpenja ruhu li x-xhieda li kien hemm permezz ta’ l-affidavit jattendu ghas-seduta li kien imiss ghall-kontro-ezami taghhom. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi kollha tal-partijiet ghall-21 ta’ Gunju 2001.

Rat in-nota tas-socjeta attrici pprezentata fil-21 ta’ Jannar 2001 a fol. 27 tal-process li biha pprezentat l-affidavit ta’ **Paul Debono** ghan-notifika kif trid il-Ligi, b’dokumenti mmarkati bhala Dok. “PD 1” sa “PD 16” kollox kif jidher a fol 28 sa 58 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-21 ta’ Gunju 2001 (fol 59) fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri qablu li x-xhieda li nghatat fil-kawza numru 31 (Citaz. Numru 1414/98) fuq il-

lista ta’ dak inhar stess ghandha tigi inserita f’dan il-process u titqies li nghatat ukoll f’din il-kawza. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghat-22 ta’ Novembru 2001

Rat ix-xhieda inserita fil-process kif miftihem mid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-21 ta’ Gunju 2001 ta’ **John Sullivan** rapprezentant tas-socjeta’ attrici in kontro-ezami (fol 60 sa 81).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-22 ta’ Novembru 2001 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-partijiet ghat-28 ta’ Frar 2002.

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici  datata 23 ta’ Novembru 2001 a fol 83 tal-process li biha esebiet l-ittra ghas-sejha tal-Laqgha Straordinarja Generali, ittra datata 26 ta’ Gunju 1996, mmarkata Dok. “RD1” u l-estratt tal-minuti tal-Laqgha Straordinarja Generali illi sehhet fit-3 ta’ Lulju 1996, immarkat Dok. “RD 2”.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tat-28 ta’ Frar 2002 (fol 86) fejn deher Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta` attrici li nforma l-Qorti li l-konvenut Ernest Ellul Sullivan fil-kawza l-ohra li miexja ma’ din il-kawza jinsab indispost u d-difensuri qablu li l-kawza tigi differita. Il-kawza giet differita ghall-provi tal-partijiet quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ghall-24 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-24 ta’ Mejju 2002 (fol 87) fejn deher Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta’ attrici. Il-kawza giet differita ghat-12 ta’ Novembru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-12 ta’ Novembru 2002 a fol 92 tal-process fejn deher biss Dr. Joseph Schembri ghall-konvenut. Il-Qorti irrilevat li ghalkemm instemghu diversi xhieda s-

socjeta attrici dehret li kienet ghadha ma ezawrietx il-provi taghha. Il-Qorti ordnat li Dr. Francesco Depasquale jinformaha permezz ta’ nota dwar in-numru ta’ xhieda li s-socjeta’ attrici kien fadlilha tipproduci. Il-kawza giet differita ghall-14 ta’ Jannar 2003 ghall-ahhar darba ghall-konluzjoni tal-provi attrici. Sussegwentament deher Dr.Francesco Depasquale; u tal-14 ta’ Jannar 2003 fejn deher Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta’ attrici u Dr. Joseph Schembri ghall-konvenut. Il-kawza giet differita ghall-4 ta’ Marzu 2003 ghall-provi attrici.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-3 ta’ Marzu 2003 fejn minhabba li l-Imhallef kien indispost il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Mejju 2003.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-7 ta’ Mejju 2003 a fol. 95 tal-process fejn deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenut u Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta’ attrici. Xehed **Godfrey Leone Ganado** prodott mill-kumpanija attrici. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghall-24 ta’ Gunju 2003; tal-24 ta’ Gunju 2003 (fol 103) fejn deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenut u Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta’ attrici. Fuq talba mhix opposta l-kawza giet differita ghas-7 ta’ Novembru 2003; u tas-7 ta’ Novembru 2003 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Dr.Francesco Depasquale ghas-socjeta’ attrici ddikjara li l-provi attrici gew b’hekk ezawriti. Il-Qorti awtorizzat lill-konvenut sabiex sad-data tad-differiment li kien imiss jipprezenta l-affidavits tieghu u tax-xhieda minnu ndikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-prezentata ta’ l-affidavit tal-konvenut ghat-23 ta’ Jannar 2004; tat-23 ta’ Jannar 2004 u tat-28 ta’ April 2004 fejn il-kawzi gew differiti ghall-prezentata ta’ l-affidavits; tad-9 ta’ Gunju 2004; u tat-22 ta’ Ottubru 2004 fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Xehed **Ernest Ellul Sullivan** in kontro-ezami (fol 110 sa 115). Il-kawza giet differita ghall-1 ta’ Dicembru 2004 ghall-kontinwazzjoni

tal-kontro-ezamijiet; ta’ l-1 ta’ Dicembru 2004 fejn deher Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta’ attrici u Dr. Joseph Schembri ghall-konvenut. Xehdet **Jean Borg** prodotta mill-atturi in kontro-ezami (fol 117 sa 123). Il-kawza giet differita ghad-9 ta’ Frar ghall-kontinwazzjoni; tad-9 ta’ Frar 2005; tal-15 ta’ April 2005; tal-10 ta’ Gunju 2005 (fol 126) fejn dehru d-difensuri tal-partijiet. Il-konvenut iddikjara li m’ghandux provi aktar. Il-partijiet inghataw fakolta` ghan-nota ta’ osservazzjonijiet u jibda l-attur. Il-kawza giet differita ghas-7 ta’ Ottubru 2005 ghall-prezentata tan-nota attrici; tas-7 ta’ Ottubru 2005 (fol 128) fejn deher Dr. Francesco Depasquale ghas-socjeta’ attrici u pprezenta nota ta’ l-osservazzjonijiet b’kopja lill-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghall-25 ta’ Novembru 2005 ghall-prezentata ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 22 ta’ Novembru 2005 a fol. 133 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tiddifferixxi l-kawza ghal seduta ohra biex fil-frattemp ikollu l-opportunita` li jipprepara l-imsemmija nota ta’ l-osservazzjonijiet u dan kollox taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi fic-cirkostanzi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tal-25 ta’ Novembru 2005 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Fuq talba abbazi tar-rikors tal-konvenut li kien ipprezentat fit-22 ta’ Novembru 2005 l-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-25 ta’ Jannar 2006 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Rat l-ordni ta’ din il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta datata 25 ta’ Jannar 2006 fejn il-kawza giet differita ghat-8 ta’ Marzu 2006, u l-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din l-Qorti hekk presjeduta tat-8 ta’ Marzu 2006 a fol. 136 tal-process fejn meta issejhet il-kawza deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenut. Is-socjeta’ attrici u d-difensur taghha Dr. Francesco Depasquale ssejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Schembri talab terminu ahhari biex jipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet tieghu. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) jum lill-konvenut biex jipprezneta l-istess nota ta’

osservazzjonijiet bil-visto/notifika tal-kontro-parti jew id-difensur taghha. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghat-18 ta’ Mejju 2006.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut datata 22 ta’ Novembru 2005 a fol 137 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-18 ta’ Mejju 2006 a fol 146 tal-process fejn deher Dr Joseph Schembri ghall-konvenut. Dr.Francesco Depasquale u s-socjeta’ attrici issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Schembri iddikjara li ghadda kopja nformali ta’ l-istess nota lid-difensur tal-kontro-parti. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-10 ta’ Ottubru 2006. Aktar tard deher Dr.Francesco Depasquale li ha konjizzjoni tal-verbal

Illi anke *in vista* ta’ dak verbalizzat fl-istess seduti kemm ta’ din il-kawza u kemm tal-kawza l-ohra li gja saret riferenza ghaliha f’din l-kawza, din il-Qorti tordna li l-provi ta’ din il-kawza fl-ismijiet premessi ghandhom jghoddu bhala provi fil-kawza Citazzjoni Numru 1414/98 fl-ismijiet “Sullivan Shipping Agencies Limited vs Ernest Ellul Sullivan” u min-naha l-ohra l-provi kollha fil-kawza appena msemmija ghandhom jghoddu wkoll bhala provi f’din il-kawza.

Rat l-atti relattivi tal-kawza fl-ismijiet “Sullivan Shipping Agencies Limited vs Ernest Ellul Sullivan” – Citaz. Numru 1414/98 fuq indikata.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza fejn is-socjeta’ attrici qed titlob li il-konvenut jigi ikkundannat sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici

s-somma ta’ ghaxar t’elef u sitta u sebghin lira Maltin, u sbatax-il centezmu (Lm10,076.17) rapprezentanti t-total ta’ diversi ammonti ta’ flus moghtija *“brevi manu”* mis-socjeta` attrici lill-istess konvenut fil-perijodu minn Awissu 1992 sa Lulju 1996 u dan kif jirrizulta minn rendikont ta’ l-istess ammont allegatament avvanzati lill-konvenut skond l-imsemmi Dokument “A” anness mac-citazzjoni attrici a fol. 6 tal-process.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra qed jghid li ma ghandu jaghti xejn lis-socjeta’ attrici u dan peress li huwa allega li huwa personalment ma ssellef xejn, izda huwa kien biss azzjonista tas-socjeta’ L. J. Sullivan Holdings Limited, li minn naha taghha kienet azzjonista tas-socjeta’ attrici, u huwa ddecieda li jbiegh l-azzjonijiet tieghu fis-socjeta’ L.J. Sullivan Holdings Limited lil ohtu Anna Psaila li mbaghad bieghet l-istess ishma lis-socjeta’ L.J. Sullivan Holdings Limited  u allura l-konvenut jallega li l-ammonti ndikati mis-socjeta’ attrici kienu fil-fatt inhadu in konsiderazzjoni sabiex jigi ffissat il-bejgh ta’ l-istess azzjonijiet, u dan anke ghaliex, skond id-dikjarazzjoni tal-konvenut, *se mai* tali sommom kienu dovuti mis-socjeta’ L.J. Sullivan Holdings Limited.

Illi din il-Qorti thoss li wara li hija ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti, inkluz ix-xhieda kollha migjuba u d-dokumenti esebiti, jirrizulta li l-allegazjoni attrici giet saldament u effettivament ippruvata u dan fuq kollox mix-xhieda ta’ John E. Sullivan, li meta xehed kien Chairman tas-socjeta’ attrici Sullivan Shippings Agencies Limited, inkluz dak li sostna fil-kontro-ezami tieghu fil-21 ta’ Gunju 2001 u mid-dokument esebit bhala Dok. “A” mac-citazzjoni attrici, u wkoll mix-xhieda moghtija permezz ta’ affidavit moghti minn Paul Debono, impjegat ghall-aktar minn ghaxar snin mas-socjeta’ attrici u li kien il-persuna li jiehu hsieb il-kontabbilita’ ta’ l-istess socjeta’ u kien ukoll responsabbli li jzomm id-dettalji kollha ta’ l-istess socjeta’ attrici, li kkonferma testwalment l-ammonti dovuti kollha mill-konvenut lis-socjeta’ attrici u li jinsabu elenkati fl-imsemmi Dok. “A” anness mac-citazzjoni attrici, u kull ammonti hemm indikati gie spjegat fl-istess affidavit u wkoll kkorroborat bid-dokumenti annessi ma’ l-istess

affidavit immarkati bhala Dok. "PD 1" sa Dok. "PD 16" minn fol. 32 sa fol. 58 tal-process, u mill-istess xhieda ma hemm l-ebda dubju li dawn il-flejjes mertu ta' din l-azzjoni attrici gew mghoddija lill-konvenut fil-kwalita' personali tieghu u fil-fatt l-istess xhud jghid:-

*"Ghandi nghid li kullhadd kellu l-kont tieghu u meta l-kumpanija kienet thallas xi haga ghalihom, dan kien ikun addebit fil-kont personali tieghu. Di fatti, l-istatement esebit huwa biss elenku ta' diversi entries li kienu jigu imdahhla fil-kont personali ta' Joseph Sullivan, minn liema kont ma kien jidher illi tnaqqas xejn, ghax, kieku kien hemm xi tnaqqis, dan kien jiddahhal fil-kont".*

*"Fl-ahharnett, ghandi nghid illi Joseph Sullivan kien impjegat mas-socjeta' attrici w, sa fejn naf jien, huwa kien biss fuq paga, bhalma kienu l-impjegati u d-diretturi l-ohra kollha".*

Illi jigi nnutat li dan ix-xhud bl-ebda mod ma gie kkontestat u lanqas biss kontro-ezaminat mill-konvenut, u mhux hekk biss izda jidher li jekk wiehed jara dak li gie sottomess mill-konvenut, apparti l-fatt li l-eccezzjoni *per se* hija wahda vaga, peress li tghid biss li l-istess konvenut ma ghandu jghati xejn lis-socjeta' attrici, l-allegazzjonijiet tieghu, apparti li ma gewx ippruvati u huma wkoll mhux kredibbli, fil-fatt huma kontradittorji ghal dak sottomess mill-istess konvenut innifsu.

Illi per ezempju jekk wiehed ihares lejn id-dikjarazzjoni tieghu annesa mal-eccezzjonijiet tieghu fl-ewwel paragrafu jghid li huwa ma ssellef xejn, izda fl-istess nifs jghid li l-istess dejn gie mehud in konsiderazzjoni meta huwa biegh l-ishma tieghu mis-socjeta' L.J. Sullivan Holdings Limited lil ohtu Anna Psaila u jghid ukoll li l-istess dejn kien dejn tas-socjeta' L.J. Sullivan Holdings Limited u dan minghajr ma jgib ebda prova dokumentarja ta' dan, u dan huwa iktar serju meta din il-Qorti tikkompara dan max-xhieda ta' Paul Debono u d-dokumenti esebiti, li juru li l-ammonti hemm indikati gew utilizzati ghall-uzu personali ta' l-istess konvenut kif jidher mid-diversi dokumenti esebiti u fuq indikati mhux l-inqas

id-Dok. “PD 1” li huwa cekk mahrug mis-socjeta’ attrici ta’ Lm1,000 favur il-konvenut personalment Joseph Ellul Sullivan; pagament ghall-hlas ta’ *car canopy* ghall-karozza tieghu imhallas lis-socjeta’ Industrial Motors indikat f’Dok. “PD 2”, hlasijiet lis-socjeta’ United Acceptance Finance ghan-nom ta’ l-istess konvenut Joseph Ellul Sullivan skond dokumenti Dok. “PD 3”; cekk iehor ta’ Lm150 favur il-konvenut Joseph Ellul Sullivan datat 29 ta’ Dicembru 1993 immarkat bhala Dok. “PD 4”; cekk iehor mis-socjeta’ attrici favur il-konvenut datat 7 ta’ Settembru 1994 u immarkat bhala Dok. “PD 7”; kontijiet ta’ l-oggetti personali ta’ l-istess konvenut Joseph Ellul Sullivan u immarkati minn Dok. “PD 9” sa Dok. “PD 13”; cekk iehor mahrug mis-socjeta’ attrici a favur il-konvenut Joseph Sullivan datat 20 ta’ Gunju 2006 u dan fl-ammont ta’ Lm5,000 u mmarkat bhala Dok. “PD 14” u dokumenti ohrajn hekk esebiti li l-konvenut assolutament lanqas biss jipprova li jaghti spjegazzjoni dwarhom.

Illi jinghad ukoll li l-allegazzjoni tal-konvenut, kontenuta fid-dikjarazzjoni tieghu annessa ma’ l-eccezzjonijiet tieghu fejn huwa jghid testwalment fl-ewwel paragrafu ta’ l-istess *“illi l-esponenti personalment qatt ma issellef xejn mis-socjeta’ attrici”* (fol.12), hija kontradetta sahanistra mix-xhieda ta’ Jeanne Borg, prodotta mill-istess konvenut, li sostniet li meta l-konvenut biegh l-ishma li kellu fis-socjeta’ L.J. Sullivan Holdings Limited, (li min-naha taghha kienet azzjonista fis-socjeta’ attrici) kienu inhadu in konsiderazzjoni d-debiti kollha dovuti mill-azzjonisti kollha lis-socjeta’ attrici u dan inkluz ta’ dak li hija sejhet u issottolineat bhala *“kif ukoll mill-individwi personalment…..”.*

Ill mhux hekk biss izda sabiex l-istess xhud kienet iktar specifika hija qalet li:-

*“Meta sar it-trasferiment tal-oqsma mill-konvenut u huh Joseph lil Anna u Marvi niftakar li annetejna statement mahrug mis-socjeta’ attrici li minnu kienu jirrizultaw diversi ammonti li kienu dovuti in rifuzjoni mill-konvenut u minn huh Joseph……..”.*

Illi in kontro-ezami l-istess xhud tghid li bejn l-konvenut u hutu bniet kien sar dak li sejhet bhal ftehim li bit-trasferiment ta' l-ishma mill-konvenut u huh lil Marvi u Anna, l-istess socjeta' L.J. Sullivan Holdings Limited kellha skond hija tiehu d-dejn kollu ta' l-istess socjeta' u wkoll id-dejn personali ta' l-azzjonisti ta' l-istess, izda li huwa sinifikanti huwa li dwar dan ma sar ebda ftehim in iskritt ghaliex skond ix-xhud kollox sar ta' malajr.

Illi din il-Qorti thoss li din ix-xhieda ma hijiex kredibbli u lanqas verosimili u ghalhekk ma hijiex qed tigi accettata bhala veritiera u wisq inqas ippruvata; dan id-dubju huwa naxxenti minn dak kollu li inghad iktar il-fuq u hawn f'din id-decizjoni u wkoll fid-decizjoni l-ohra fil-konfront ta' Ernest Ellul Sullivan, pero' jigi wkoll innutat li ladarba ma kien hemm ebda ftehim in iskritt ma' x'hiex kien anness dak li l-istess xhud sejhet *"bhala statement mahrug mis-socjeta' attrici li minnu kienu jirrizultaw diversi ammonti li kienu dovuti mill-konvenut u minn huh Joseph, minn huh iehor bl-isem ta' John u mis-socjeta' L.J. SULLIVAN HOLDINGS LIMITED, apparti debiti mill-azzjonisti l-ohra"* u fejn huwa tali *statement*; dan apparti li din ix-xhieda tikkontradixxi it-tezi tal-konvenut li huwa ma kellu ebda dejn mas-socjeta' attrici; u dan apparti wkoll li fi kwalunkwe kaz tali allegat ftehim bejn l-konvenut u ohtu ghat-trasferiment tal-ishma fis-socjeta' imsemmija huwa dejjem *res inter alios acta* ghas-socjeta' attrici, li bl-ebda mod ma' kienet involuta f'dawn l-inkontri u trasferimenti ta' l-ishma bejn l-azzjonisti ta' l-istess socjeta imsemmija mill-konvenut u hawn identifikata.

Illi mill-istess xhieda jirrizulta li mela allura kien hemm debiti dovuti mill-konvenut, u din il-Qorti hija konvinta b'dak li rat u semghet f'din il-kawza, (u anke fil-kawza l-ohra) li tali debiti kienu effettivament tal-konvenut, u dan aktar u aktar meta jidher li l-istess konvenut bix-xhieda u bid-dokumenti minnu prodotti ma rnexxhielux hlief jikkontradixxi u jikkontrasta kull tezi minnu migjuba, u dan qed jinghad ukoll fl-isfond tal-fatt li nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu tista' tigi deskritta bhala neboluza – l-istess kif fil-fatt inghad fil-kawza l-ohra li din l-istess socjeta' attrici

ghamlet kontra hu l-konvenut odjern, il-konvenut l-iehor Ernest Ellul Sullivan.

Illi mhux biss izda l-allegazzjoni tal-konvenut li l-istess ammont ta’ dejn kien gie assunt mill-azzjonisti l-godda tas-socjeta’ L. J. Sullivan Holdings Limited lanqas biss giet ippruvata u dan *stante* li l-ebda dokument sabiex jipprova dan ma gie prodott, anzi l-minuti ta’ l-*Extraordinary General Meeting* tas-socjeta’ attrici datat 3 ta’ Lulju 1996 (Dok. “RD 4” – fol. 64) jghid biss li l-konvenut Joseph Ellul Sullivan ma kienx lest li jiehu l-azzjonijiet ta’ huh Ernest fl-istess socjeta’ L.J. Sullivan Holdings Limited u li kien ser ibiegh l-ishma tieghu flimkien ma’ huh Ernest fis-socjeta’ L.J. Sullivan Holdings Limited lil huthom bniet Anna Psaila u Marvi Abela.

Illi ssir riferenza wkoll ghall-ftehim datat 20 ta’ Jannar 1998 bejn id-diversi kumpaniji hemm indikati fosthom l-istess socjeta’ L.J. Sullivan Holdings Limited fejn jidher car li d-debiti mertu ta’ din il-kawza dovuti mill-konvenut lis-socjeta’ attrici bl-ebda mod ma gew indikati jew inkluzi, u dan fi zmien meta l-istess konvenut u l-konvenut l-iehor fil-kawza l-ohra kienu allura gia bieghu l-ishma rispettivi taghhom fl-istess kumpanija lil huthom bniet. Ix-xhieda ta’ Godfrey Leone Ganado li fl-istess ftehim deher ghas-socjeta’ L.J. Sullivan Holdings Limited tikkonferma li l-istess socjeta’ u allura tali ftehim bl-ebda mod ma dahal f’debiti ta’ persuni u azzjonisti individwali mas-socjeta’ attrici, u dan jikkonferma x-xhieda ta’ Paul Debono wkoll.

Illi jidher li l-konvenut ipprova jipprofitta ruhu mill-fatt li s-socjeta’ attrici kienet iffurmata dak iz-zmien bhala azzjonisti taghha mis-socjetajiet C.E. Sullivan Holdings Limited, J. E. Sullivan Holdings Limited u L. J. Sullivan Holdings Limited, u pprova jdahhal l-persuna tieghu ma’ dik tas-socjeta’ li huwa kien azzjonista taghha, izda din il-Qorti thoss li dan biss ghen sabiex ixxejjen il-kredibbilta’ tieghu; fil-fatt jidher li meta l-istess konvenut ghazel li ma jibqax jahdem mas-socjeta’ huwa mill-ewwel trasferixxa is-sehem tieghu fis-socjeta’ L. J. Sullivan Holdings Limited lill-ohtu u dan sar biss permezz ta’ registrazzjoni –mkien ma saret skrittura dwar dak allegat mill-konvenut – u *in*

*verita`* dan il-ftehim fl-opinjoni tal-Qorti ma giex ippruvat – apparti li s-socjeta' attrici kienet dejjem estranea ghal dan kollu.

Illi sar biss *share transfer* u wara dan bdew diskussjonijiet bejn l-istess socjeta' L.J. Sullivan Holdings Limited u s-socjeta' attrici u sar il-ftehim redatt bhala Dok. "PD 16" li ma kellu x'jaqsam xejn mad-dejn dovut mill-konvenut lis-socjeta' attrici, u liema dejn huwa mertu ta' din il-kawza u dan huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda kollha prodotta, mill-istess dokument u fl-ahharnett mix-xhieda ta' Godfrey Leone Ganado.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li ghandha tafferma li x-xhieda ta' Ernest Ellul Sullivan fl-affidavit tieghu tat-12 ta' Mejju 2004 (li jinsab ippresentat fil-kawza l-ohra Citaz.Numru 1414/98 – fol. 105) u wkoll l-affidavit tal-konvenut Joseph Ellul Sullivan (fl-istess process Citaz.Numru 1414/98 – fol. 107) ma humiex kredibbli u dan apparti li fihom diversi inkonsistenzi, fosthom li jidher car li minkejja l-allegazzjonijiet u d-dikjarazzjoni tieghu annessa mac-citazzjoni, huwa kien debitur personalment tas-socjeta' attrici. Jekk min-naha l-ohra wiehed ihares lejn it-tezi tieghu l-ohra li l-istess dejn kien biss dejn tas-socjeta' L.J. Sullivan Holdings Limited, bit-trasfiment tieghu tal-ishma ta' l-istess socjeta' ma kien ser jinbidel xejn, ghaliex id-debitur kien ser jibqa' l-istess – izda dan ma kienx il-kaz odjern, ghaliex id-dejn mertu tal-kawza odjerna kien effettivament dak tal-konvenut personalment.

Illi huwa sinifikanti li ghalkemm il-konvenut jghid li l-imsemmi Godfrey Leone Ganado ma kienx involut fil-ftehim ta' trasferiment ta' l-ishma ma' hutu, l-imsemmija xhieda ta' Marvi Abela u Anna Psaila, li xtraw l-ishma minghand l-konvenut u huh Ernest Ellul Sullivan fis-socjeta' L.J. Sullivan Holdings Limited, ma gewx prodotti bhala xhieda u dan certament ikompli jikkonferma li tezi tal-konvenut mhux biss ma hijiex kredibbli, u hija inverosimili, izda lanqas biss giet ippruvata u dan in-nuqqas huwa sinifikanti meta l-konvenut allega l-ezistenza ta' ftehim ma' l-istess kien biss ta' natura verbali. F'dan il-kuntest jinghad li l-allegazzjonijiet attrici gew ippruvati

waqt li dawk tal-konvenut bl-ebda mod ma jista' jinghad li gew ippruvati u b'hekk l-istess konvenut naqas li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu kif kien l-oneru tieghu li jaghmel.

Illi ghalhekk it-talba attrici ghandha tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut Joseph Ellul Sullivan, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef u sitta u sebghin lira maltin, u sbatax-il centezmu (Lm10,076.17) rapprezentanti t-total ta' diversi ammonti ta' flus moghtija *"brevi manu"* mis-socjeta attrici lill-istess konvenut fil-perijodu minn Awissu 1992 sa Lulju 1996 kollox kif hawn deciz.

Bl-ispejjes, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 1997 tal-Mandat ta' Sekwestru u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data meta sar is-self sa l-effettiv pagament, kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------